MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 507/2007

**Rimus Trading Agency Limited (C20020)**

**vs**

**Paul u Carmen konjugi Sciberras**
**I.D. rispettivi 147849M u 542451M**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta’ Gunju 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u tmienja u hamsin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1,058.34), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fil-11 ta’ Novembru 2007 li biha hija cediet is-sorte stante

pagament izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez u drittijiet professjonali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu limitat ghall-kap ta’ l-ispejjes jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba stante illi din giet ceduta kif hawn fuq msemmi, jilqa' t-talba limitatament ghall-kap ta’ l-ispejjes u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta’ l-istanti u kif ukoll dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------